**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Novembru, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 462/2013 AF**

**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità u b'digriet tal-31 ta' Jannar 2017, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju li jrid jaqra "Kummissjoni ghad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilità"**

**vs**

**Malta Football Association**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-Kummissjoni esponenti hija l-entità inkarigata taht l-Artikolu 22 tal-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilità) 2000, Kap. 413 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, fost l-ohrajn, tizgura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni kontra persuni b'dizabilità skond il-Ligi u tirrapprezenta l-interessi ta' persuni b'dizabilità.

Il-Kummissjoni esponenti rceviet numru ta’ ilmenti dwar l-assocjazzjoni intimata, senjatament rigward in-nuqqas taghha li tipprovdi access ghall-iStadju Nazzjonali ta’ Malta gewwa Ta’ Qali fl-*enclosure* principali maghruf bhala l-West Stand ghal persuni b’dizabilità, minkejja l-fatt li dan huwa post pubbliku.

L-agir tal-assocjazzjoni intimata huwa illegali u abbuziv, senjatament kontra l-Artikolu 12(1) tal-Kap. 413.

Il-Kummissjoni esponenti ghamlet diversi tentattivi sabiex tasal mal-assocjazzjoni intimata ghal soluzzjoni ghal din l-illegalità u sahansitra, gie ntavolat protest gudizzjarju (numerat 49/13) kontra l-istess assocjazzjoni intimata, izda qatt ma nghatat risposta sodisfacenti lill-Kummissjoni esponenti u x-xogholijiet necessarji sabiex dan l-access ikun garantit ghadhom ma sarux, bir-rizultat li soluzzjoni ghadha sal-lum ma nstabitx.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-assocjazzjoni intimata kienet u ghadha tiddiskrimina kontra persuni b’dizabilità billi ma tipprovdix access ghall-iStadju Nazzjonali ta’ Malta gewwa Ta’ Qali ghal persuni b’dizabilità, minkejja l-fatt li dan huwa post pubbliku.

2. Tordna lill-assocjazzjoni intimata taderixxi ruhha mal-ligi, senjatament billi tipprovdi access lil persuni b’dizabilità gall-iStadju Nazzjonali ta’ Malta gewwa Ta’ Qali mill-*enclosure side*, kif ukoll access ghall-facilitajiet kollha tal-imsemmija *enclosure side*, inkluz il-*cafeteria*, facilitajiet sanitarji u l-i*stands* minn fejn jigu segwiti l-partiti, u dan fi zmien qasir u perentorju stabbilit mill-Onorabbli Qorti taht id-direzzjoni ta’ perit tekniku.

3. Fin-nuqqas li taderixxi ruhha mal-ordni ta’ din l-Onorabbli Qorti fiz-zmien stabbilit minnha, tordna lill-assocjazzjoni initmata thallas multa (daily dine) ghal kull gurnata li tibqa’ inadempjenti fil-provizjoni tal-access fuq imsemmi.

Bl-ispejjez tal-proceduri odjerni u tal-protest gudizzjarju numerat 49/13.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-assoċjazzjoni konvenuta li permezz tagħha eċċepiet illi:

L-Assocjazzjoni eccipjenti tikkontesta l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni attrici li l-assocjazzjoni eccipjenti qieghda tiddiskrimina kontra persuni b'dizabilità stante illi mhuwiex minnu illi fl-assocjazzjoni eccipjenti mhijiex tipprovdi access ghal persuni b'dizabilità ghall-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali, izda din tipprovdi l-access kollu skond iligi fil-*Millenium Stand* tal-istess Stadium, liema access jinghata f'kull parti ta' dan l-istand, inkluzi l-facilitajiet u l-amenitajiet kollha relattivi, u minn fejn spettaturi tal-partitit tal-futbol jistghu isegwu l-partiti li jintlaghbu gewwa l-istess imsemmi Stadium bl-istess mod kif dawn jigu segwiti mill-*West Stand*, jew kif huwa maghruf l-*Enclosure*.

Sussegwentement, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-assocjazzjoni eccipjenti tirrileva illi hija m'ghandhiex tigi ordnata illi twettaq xogholijiet fil-West Stand minn din l-Onorabbli Qorti, stante l-fatt illi x-xogholijiet pretizi mill-Kummissjoni attrici, huma irragonevoli ai termini tal-Artikolu 12(2)(b) tal-Att dwar Opportunatijiet Indaqs (Persuni b'Dizabilità) (Kap. 413 tal-Ligijiet ta' Malta) peress illi tali xogholijiet pretizi ser jikkawzaw piz mhux gustifikat fuq l-Assocjazzjoni eccipjenti ai termini tal-Artikolu 20 tal-istess Att.

L-Assocjazzjoni eccipjenti, kienet gharrfet lill-Kummissjoni attrici b'dana kollu permezz ta' skambju ta' korrispondenza, laqgha illi kienet saret fuq is-sit bejn rapprezentanti tal-Assocjazzjoni attrici u tal-Assocjazzjoni eccipjenti, kif ukoll kontro-protest gudizzjarju b'risposta ghal protest gudizzjarju illi gie pprezentat mill-istess Kummissjoni attrici.

Ghaldaqstant, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-Assocjazzjoni eccipjenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tal-Kummissjoni attrici bl-ispejjez kontra l-istess Kummissjoni attrici.

B'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta’ Novembru 2014 ġie mahtur il-Perit Alan Saliba bħala perit tekniku sabiex jirrelata dwar l-aċċessibilità għal persuni b’diżabilità fl-Istadium Nazzjonali ta’ Malta ġewwa Ta’ Qali.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku.

Rat it-tweġibiet tal-perit tekniku għad-domandi in eskussjoni tal-assoċjazzjoni intimata.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Aċċediet fuq il-post nhar is-26 ta’ Settembru 2017.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni bbażata fuq l-artikolu 12 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b’Diżabilità), Kapitolu 413 tal-Liġijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

> “*(1) Salv kif provdut fis-subartikolu (2), u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tat-Taqsima II, ħadd ma jista’ jiddiskrimina kontra persuna oħra minħabba fid-diżabilità ta’ dik il-persuna l-oħra jew f’diżabilità ta’ xi wieħed mill-membri tal-familja ta’ dik il-persuna l-oħra –*
>
> *(a) billi jiċħad milli jħalli lil dik il-persuna l-oħra milli tidħol ġewwa jew tuża xi proprjetà, jew xi faċilitajiet li jkunu jinsabu f’dak il-post, li l-pubbliku jew settur tal-pubbliku jkollhom jedd jew permess biex jidħlu fih jew jużawh (sew bi ħlas sew le); jew*
>
> *(b) fil-patti jew kondizzjonijiet li bihom dik il-persuna tkun lesta tħalli lil dik il-persuna l-oħra li tidħol*

*ġewwa, jew li tuża dik il-proprjetà jew dawk il-faċilitajiet; jew*

*(ċ) għar-rigward tal-għoti ta' mezzi ta' dħul f'dik il-proprjetà inkluż kull tibdil meħtieġ f'dik il-proprjetà jew faċilitajiet sabiex id-dħul ikun possibbli; jew*

*(d) billi jġiegħel lil dik il-persuna l-oħra li titlaq minn dik il-proprjetà jew li tieqaf milli tibqa' tuża dawk il-faċilitajiet jew li jagħmel restrizzjonijiet mhux ġustifikati b'kull mod li jkun fuq l-użu tagħhom.*

*(2) Meta –*

*(a) dik il-proprjetà jew faċilitajiet imsemmija qabel f'dan l-artikolu jkunu mfasslin jew mibnija b'dak il-mod li persuna b'diżabilità ma tkunx tista' tidħol fihom b'mod faċli; u*

*(b) it-tibdil li jsir f'dik il-proprjetà jew faċilitajiet ma' jkunx raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ,*

*għaldaqstant dik il-persuna tista' tiċħad persuna b'diżabilità dak id-dħul ġewwa, jew l-użu ta' xi proprjetà jew faċilitajiet bħal dawk imsemmija fis-subartikolu (1)(a) jew li tiċħad li tagħmel xi tibdil f 'dik il-proprjetà jew faċilitajiet li kieku xort'oħra jagħmlu d-dħul ġewwa dik il-proprjetà jew f'dawk il-faċilitajiet possibbli għal persuna b'diżabilità."*

Inoltre, ir-Regolament numru 6 tar-Regolamenti dwar Proċedura għall-Investigazzjoni ta' Ilmenti (Leġislazzjoni Sussidjarja 413.01) jipprovdi illi:

*"Fil-każ li l-partijiet interessati, li jkunu ġew notifikati b'ittra reġistrata skond ma hemm provdut fir-regolament 5, jonqsu milli jieħdu kull azzjoni rimedjali meħtieġa fit-terminu ta' żmien speċifikat, jew fit-terminu ta' żmien li jsir qbil reċiproku dwaru, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Qorti, permezz ta' rikors li jsir quddiem il-Qorti Ċivili, Prim' Awla, li tordna lill-persuna msemmija fir-regolament 5 li twettaq kull azzjoni rimedjali li tkun meħtieġa."*

L-attriċi hija entità stabbilita skont l-artikolu 21 tal-Kap. 413, inkarigata sabiex, fost affarijiet oħra, tiżgura li ma sseħħx diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità u tirrappreżenta l-interessi ta' dawn il-persuni. Wara li rċeviet ilmenti dwar in-nuqqas tal-assoċjazzjoni intimata milli tipprovdi aċċess għal persuni b'diżabilità għall-*West Stand* tal-Istadium Nazzjonali ġewwa Ta' Qali, u ċioè dik magħrufa bħala l-*Enclosure*, l-attriċi avviċinat lill-intimata dwar dawn l-ilmenti fejn saret ukoll laqgħa fit-13 ta' Ottubru 2011 bl-għan li jintlaħaq ftehim dwar l-aċċessibilità ta' din l-*istand*.

Minkejja li jidher illi l-partijiet laħqu ftehim dwar il-proposti tal-attriċi dwar l-aċċessibbiltà tal-*Enclosure*, sa meta ġiet intavolata l-kawża, l-intimata kienet għadha ma esegwietx dawn ix-xogħlijiet. Madanakollu, jirriżulta li fil-mori tal-kawża l-intimata ħadet ħsieb li tiżviluppa faċilitajiet sanitarji għal persuni b'diżabilità kif ukoll *platform* minn fejn persuni li jagħmlu użu minn *wheelchair* jistgħu jsegwu l-logħob, kif ukoll ipprovdiet għall-aċċess tal-*istadium* mill-parkeġġ għal dawn il-persuni. Dawn ix-xogħlijiet, li saru fis-sezzjoni 'A' tal-*Enclosure*, xorta waħda ma jipprovdux aċċess għal *bar/cafeteria* ta' din l-*istand* għal persuni fil-*wheelchair* jew b'mobilità limitata.

L-attriċi qiegħda għalhekk titlob lill-Qorti ssib illi l-assoċjazzjoni intimata qiegħda tiddiskrimina kontra persuni b'diżabilità u għaldaqstant, sabiex tordna lill-istess assoċjazzjoni tagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa fin-naħa tal-*Enclosure* jew aħjar il-*West Stand* sabiex dan ikun aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Hija qiegħda titlob ukoll lill-Qorti timponi penali f'każ ta' inadempjenza.

Da parti tagħha, l-intimata teċċepixxi li persuni b'diżabilità għandhom il-faċilitajiet kollha sabiex jaċċessaw l-*istadium* mill-*East Stand* u ċioè dak magħruf bħala l-*Millenium Stand* kif ukoll illi x-xogħlijiet mitluba mill-attriċi huma irraġonevoli a tenur tal-artikolu 12(2)(b) tal-Kap. 413.

Dwar il-*Millenium Stand*, mhuwiex kontestat mill-partijiet illi dan l-*istand* kif ukoll il-faċilitajiet kollha tiegħu huma aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Sa meta ġiet intavolata l-

kawża dan l-istand ma kienx dejjem ikun miftuħ għall-ispettaturi. Madankollu, fil-mori tal-kawża saru arranġamenti sabiex dan l-*istand* ikun miftuħ għall-ispettaturi waqt kull partita. Minkejja dan, l-ilment tal-attriċi jirrigwarda l-aċċessibbiltà tal-*Enclosure*, li hija l-*istand* opposta, u dan fis-sens illi l-partitarji li huma persuni b'diżabilità għandhom dritt li jsegwu l-logħob minn dik in-naħa tal-*istadium* flimkien ma' partitarji oħra.

L-intimata tikkontendi wkoll illi xogħlijiet kollha li qiegħda tippretendi li jsiru l-attriċi mhumiex raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-perit Ludivico Micallef, inkarigat mill-intimata, ħejja rapport dwar ix-xogħlijiet neċessarji sabiex l-*Enclosure* tkun aċċessibbli għall-persuni fil-*wheelchair*. Skont hu, l-ispejjeż sabiex kemm is-sezzjonijiet 'A' u 'C' tal-*istand* u l-faċilitajiet kollha tagħha jsiru aċċessibbli jammontaw għal madwar €250,000. Dan għaliex dawn is-sezzjonijiet iridu jiġu demoliti u rikostruwiti mill-ġdid b'dan illi jrid jiġi nstallat ukoll *lift*.

Fil-mori tal-kawża, l-attriċi inkarigat żewġ periti sabiex iħejju r-rapport tagħhom dwar ix-xogħlijiet li kienet qiegħda tesegwixxi l-intimata sabiex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jsegwu l-partiti mill-*Enclosure*. Proprju għaliex saru xogħlijiet fil-mori tal-kawża, ir-rapport tal-perit tekniku inkarigat mill-Qorti jidher li huwa l-aktar wieħed aġġornat dwar il-mertu tal-kawża.

Il-perit tekniku jispjegali li s-sezzjonijiet 'A' u 'C' tal-*Enclosure* huma għall-ispettaturi filwaqt illi s-sezzjoni 'B' hija riżervata għall-'VIPs'. Iż-żewġ sezzjonijiet 'A' u 'C' huma simili. L-*Enclosure* huwa kopert b'tinda u huwa aktar popolari mal-partitarji akkaniti waqt il-partiti tal-*football*.

Il-perit tekniku evalwa l-aċċessibbiltà tat-tlett ambjenti fl-*Enclosure* li huma mertu tal-kawża u ċioè (i) l-*istand* innifisha; (ii) il-*bar/cafeteria*; (iii) il-faċilitajiet sanitarji kif ukoll (iv) fatturi oħra li kkunsidra li huma relatati mat-talbiet attriċi.

Huwa jkompli billi jispjega li fil-preżent, sezzjoni 'A' tal-*istand* tinkludi *platform* li tidher li hija attrezzata għall-użu minn persuni b'diżabilità. Madanakollu, il-perit tekniku sab illi l-użu tagħha huwa ristrett għaliex:

1. Biex wieħed jasal għall-*platform* irid jgħaddi minn żewġ *gate*s li jkunu msakkra. Allura minbarra l-fatt li hemm rotta twila biex tasal għal din il-*platform*, wieħed irid javviċina l-*isteward* sabiex jiftħu dawn il-*gates*;

2. Dawn il-persuni ser ikollhom rotta itwal għaliex hemm taraġ, liema rotta hija terġa itwal għax trid issir darbtejn, darba biex tavviċina lill-*isteward* u darba biex tmur lura sal-*gate*;

3. Il-*platform* tinsab f'livell baxx u inqas favorevoli ghat-tgawdija tal-partita;

4. M'hemmx aċċess għall-*bar* mill-platform;

5. Il-*platform* taħseb biss għal persuni fil-*wheelchair* u mhux persuni b'diżabiltajiet oħra fosthom min jagħmel użu minn *walking aids* bħal ma huma krozzi

Il-perit tekniku kkonstata wkoll illi:

1. Ir-rampa li hemm fil-*gate* għandha tiġi mwittija;

2. Għandu jiġi provdut *seating* adegwat għal kull min ikun qiegħed jakkompanja lill-persuni b'diżabilità;

3. Għandu jkun hemm sinjali adegwati sabiex wieħed ikun jaf kif għandu jasal għall-imsemmija *platform*.

Il-perit tekniku għalhekk wasal għall-konklużjoni li l-aċċess għall-*istand* huwa inqas favorevoli għal persuni b'diżabilità kemm minħabba l-aċċess proprju u l-posizzjoni tal-*platform*, kif ukoll billi mill-istess *platform* m'hemmx aċċess għal *bar*.

Proprju dwar il-*bar*, il-perit tekniku jispjega li dan m'huwiex aċċessibbli għal persuni b'diżabilità kemm għaliex hemm taraġ biex wieħed jasal għalih mill-*istand* kif ukoll mill-parkeġġ. Il-perit tekniku jżid jgħid li lanqas irriżultalu li fl-*istadium* ikun hemm bejjiegħa jduru kif wieħed gieli jsib ġewwa *stadiums* simili.

Dwar il-faċilitajiet sanitarji, il-perit tekniku jgħid illi għalkemm huma aċċessibbli għal persuni b'diżabilità, huwa dubjuż kemm il-*gate* li tagħti mill-*platform* għall-dawn il-faċilitajiet tkun miftħuha.

Għar-rigward tal-*parking bays* allokati għall-persuni b'diżabilità, il-perit tekniku jżid jgħid ukoll illi dawn għandhom ikunu adegwati kemm fil-kwantità kif ukoll fid-daqs tagħhom. Huwa jispjega li fl-inħawi tal-entratura hemm ħames *parking bays*, kif ukoll żewġ *parking bays* oħra li għalkemm akbar, xorta waħda huma dojoq wisq sabiex persuna b'diżabilità tkun tista' toħroġ u tidħol mill-vettura tagħha bil-kumdità. Il-perit tekniku kkonstata wkoll illi r-rampa u bankina li jagħtu mill-*parking area* għall-imsemmija *platform* għandhom jitwessgħu u fil-każ tar-rampa għandha tiġi mwittija wkoll.

Bħala soluzzjoni, il-perit tekniku jispjega li għandha tiġi esplorata l-possibiltà li l-aċċess għall-*Enclosure* ikun mill-istess post minn fejn jidħlu l-ispettaturi u ċioè minn fejn hemm it-*turnstiles*, biex b'dan il-mod ikunu eliminati l-impedimenti kollha għall-aċċess adegwat għal persuni b'diżabilità, fosthom l-aċċess għall-*bar*. Billi din il-possibiltà għandha l-limitazzjonijiet tagħha, huwa jissuġerixxi li:

1. It-taraġ mill-*parking area* għat-*turnstiles* jiġi kumplimentat permezz ta' rampa;

2. Ħdejn it-*turnstiles* diġa hemm bieb suffiċjenti li jkun għad jonqsu biss li jinbidlu r-*railings*;

3. Kif tidħol minn din l-entratura wieħed jiġi mal-ewwel fil-livell tal-*bar* u allura hawnhekk għandha ssir rampa sabiex tipprovdi aċċess għall-*bar* (billi xorta waħda hemm ftit taraġ) u b'hekk tissolva l-problema ta' aċċessibbiltà u jiġi provdut post adegwat minn fejn persuni b'dizabilità jkunu jistgħu jsegwu l-logħob ġewwa l-*istadium* mill-*Enclosure*. Dawn ix-xogħlijiet jsarrfu fit-telf ta' 37 *seating place* u ċioè tnaqqis ta 1% tas-*seating capacity* tal-*Enclosure*.

Il-perit tekniku jkompli billi jispjega li dawn l-alterazzjonijiet jitolbu li jsiru faċilitajiet sanitarji fl-istess livell tal-*bar*. Huwa

ma jaqbilx li hemm bżonn li jsir *platform lift* sabiex il-faċilitajiet tal-*Enclosure* ikun aċċessibbli għal persuni f'*wheelchair* u allura, skont hu, l-ispejjeż sabiex isiru x-xogħlijiet jammontaw għal madwar €70,000. Ix-xogħlijiet li jirrakkomanda l-perit tekniku jipprovdu aċċess għall-sezzjoni 'C' tal-istand filwaqt li jżid jgħid li għandu jinżamm l-aċċess u faċilitajiet eżistenti li jinsabu f'sezzjoni 'A'.

Sabiex ma jiġux kompromessi avvenimenti li jsiru fl-*istadium*, u minħabba l-loġistika sabiex isiru l-imsemmija xogħlijiet, il-perit tekniku jikkunsidra li għandu jingħata żmien sena bħala perjodu sabiex jitlestew ix-xogħlijiet suġġeriti minnu.

In succint, il-konklużjonijiet tal-perit tekniku huma allura hekk:

> *"F'sezzjoni 'A' tal-'Enclosure Side' fin-National Stadium' hemm 'platform' għal persuni b'diżabilita` fl-'iStand' li tinsab livell mal-grawnd ipprovduta wkoll b'Faċilitajiet Sanitarji adegwati. Madanakollu, dan l-aċċess għall-'iStand' għal persuni b'diżabilita` huwa inqas favorevoli minn dak provdut għal persuni mingħajr diżabilita`.*
>
> *Il-'Bar' mhux aċċessibli għal persuni b'diżabilita`.*
>
> *Teżisti soluzzjoni prattika li ssolvi kemm l-aċċessibilta għall-'Bar' u kif ukoll l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilita`, billi jiġu ntrapriżi xogħlijiet f'sezzjoni 'C' tal-'Enclosure Side' li jikkomprendu prinċipalment rampi u Faċilita Sanitarja."*

In linea ta' prinċipju ġenerali, il-Qorti tikkunsidra li wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-liġi li fuqha huma bbażati dawn il-proċeduri huwa dak li tingħata d-debita dinjità lil persuni b'diżabilità billi kemm hu possibbli tpoġġihom fuq pjan ta' parità ma' membri oħra tas-soċjetà bi skop li jkollhom opportunijiet indaqs li jwasslu għall-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-socjetà, bid-drittijiet u opportunitajiet li jgħixu ħajja indipendenti fi ħdan il-komunità.

Fil-każ fl-ismijiet Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'diżabilità vs Michele Peresso Limited, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007 ingħad illi:

*"Minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni - bil-paragrafi (a) sa (d) tas-subartikolu (1) mqeghdin b'mod alternattiv u mhux kumulattiv - jemergu certi elementi indikattivi ta' dak li qed jikkontempla l-legislatur bhala "diskriminazzjoni" ghall-finijiet tal-ligi in dizamina. Fl-ewwel lok il-legislatur qed jirreferi hawn ghal post pubbliku jew post accessibbli ghall-pubbliku. Ma hemmx dubju li l-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta appellanti hu, ghalkemm post privat, accessibbli ghall-pubbliku ghax, fil-hinijiet li l-hanut ikun miftuh il-pubbliku in generali ghandu "permess biex [jidhol] fih". Fit-tieni lok, il-legislatur kjarament qed jikkontempla aktar minn xenarju wiehed ta' diskriminazzjoni, riflessi dawn ix-xenarji fil-paragrafi (a) sa (d). Meta wiehed jorbot is-subartikolu (2) mas-subartikolu (1), il-konkluzjoni ma tistax tkun ghajr li, biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni jekk kienx hemm diskriminazzjoni f'dak li hu access ghal post pubbliku jew accessibbli ghall-pubbliku, wiehed irid jara c-cirkostanzi <u>kollha</u> tal-kaz u jara jekk, fil-kaz konkret, l-access ghal dak il-post kienx wiehed ragjonevoli o meno."*

Il-Qorti kkunsidrat illi fil-każ preżent, l-ilment tal-attriċi jidher li huwa bbażat fuq l-artikolu 12(1)(ċ) u ċioè fuq diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità għar-rigward tal-għoti ta' mezzi ta' dħul fil-proprjetà jew kull tibdil meħtieġ fl-istess proprjetà jew faċilitajiet sabiex id-dħul ikun possibbli. Fis-sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tikkonferma li hija sodisfatta bil-proposti tal-perit tekniku.

Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti u wara li aċċediet ġewwa l-Istadium Nazzjonali stess, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm meta ġew intavolati dawn il-proċeduri l-Kummissjoni attriċi jista' jkun illi kellha raġun fl-ilmenti tagħha, wieħed ma jistax jinjora l-miżuri li ħadet l-intimata u x-xogħlijiet kollha li saru fil-mori tal-kawża sabiex jiġi assigurat aċċess għall-*istadium* għall-persuni b'diżabilità.

L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tinnota li għalkemm huwa minnu li meta ġew intavolati l-proċeduri, il-*Millenium Stand* ma kienx ikun dejjem miftuħ għall-ispettaturi waqt kull partita, illum il-ġurnata ċ-ċirkostanzi huma differenti in kwantu li dan l-

*istand* qieghed jinżamm miftuħ għal kull partita. M'hemmx kontestazzjoni li l-*Millenium Stand* huwa pjenament aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Ma dan il-Qorti sejra żżid illi l-intimata għandha tieħu ħsieb biss illi twitti r-rampa barra l-*Millenium Stand* sabiex ittejjeb l-aċċess għall-persuni f'*wheelchair*.

Il-Qorti hija konxja li l-ilment tal-attriċi huwa llum il-ġurnata limitat għall-*Enclosure*. Madanakollu, hawnhekk ukoll jirriżulta li filwaqt illi meta ġew intavolati l-proċeduri, dan l-*istand* ma kienx aċċessibbli b'ebda mod xejn għal persuni li jagħmlu użu minn *wheelchair*, is-sitwazzjoni preżenti hija differenti. Illum il-ġurnata huwa biss il-*bar* ta' din l-*istand* li mhuwiex aċċessibli, u għalkemm il-perit tekniku sab illi l-aċċess għall-*Enclosure* huwa inqas favorevoli għal persuni b'diżabilità, b'daqshekk ma jfissirx li qiegħda ssir diskriminazzjoni magħhom.

Filwaqt illi l-Qorti m'hija bl-ebda mod tgħid illi persuni b'diżabilità m'għandhomx dritt illi jsegwu partiti mill-*Enclosure*, il-Qorti ma tqisx illi huwa raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ illi l-intimata tiġi ordnata li tagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha li qiegħed jissuġerixxi l-perit tekniku sabiex persuni fil-*wheelchair* ikunu jistgħu jaċċessaw il-*bar* li jinsab fl-*Enclosure*, meta dawn il-persuni għandhom il-libertà li jsegwu l-partiti kollha mill-*Millenium Stand*, fejn il-faċilitajiet huma kollha aċċessibbli għalihom. Bit-tibdiliet u miżuri li ħadet l-assoċjazzjoni intimata matul is-snin, illum il-ġurnata persuni b'diżabilità għandhom għażla bejn li jsegwu partiti flimkien ma sħabhom mill-*Millenium Stand*, jew mill-*Enclosure* stess imma bil-limitazzjonijiet tiegħu kif spjegati mill-perit tekniku. Il-Qorti ma tistax tiskarta li tassew ftit persuni b'dizabilità jattendu fl-istadium, u dan kif jidher mill-figuri prezentati mill-assocjazzjoni intimata. Tifhem li f'sitwazzjoni idejali fejn ma jezistu ebda konsiderazzjonijiet finanzjarji u logistici, madanakollu ma tistax tiskarta lanqas kull sens ta' proporzjon fic-cirkostanzi. Il-Qorti tifhem f'dan il-kuntest illi minbarra l-ispejjez kbar necessarji biex tirrendi l-post perfettament accessibbli kollu ghal kulhadd, jezistu wkoll problemi ta' logistika fis-sens illi x-xoghol, kieku kellu jsir, huwa xoghol li jirrikjedi tul ta' zmien ferm itwal mill-ftit gimghat li fih ma jintuzax tul ix-xhur tas-sajf. Wiehed irid izomm quddiem

ghajnejh il-fatt li dan huwa l-uniku stadium f'Malta li jista' jospita loghobiet tat-teams ewlenin, kemm f'dak li huwa numru ta' spettaturi kif ukoll ghal dak li jirrigwarda sigurtà.

Huwa relevanti wkoll illi l-attriċi kellha biss numru limitat ta' lmenti dwar l-aċċessibilità tal-*istadium*. Il-Qorti ttenni li jidher li dawn l-ilmenti saru fiż-żmien meta l-*Millenium Stand* ma kienx qiegħed jinfetaħ għall-pubbliku waqt kull partita u allura s-sitwazzjoni kienet differenti minn dik preżenti.

Filwaqt illi huwa minnu li mhijiex gustifikazzjoni valida li l-i*stadium* inbena fis-snin tmenin, meta l-liġi *de quo* kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ u ftit li xejn kienu jittieħdu in kunsiderazzjoni il-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità fid-disinn ta' bini u infrastruttura oħra, ma jfissirx illi jrid jiġi eliminat kwalunkwe inkonvenjent għall-aċċess meta hemm alternattivi raġonevoli bħal ma jirriżulta fil-każ tal-lum. Mhux kwalunkwe inkonvenjent jammonta għal diskriminazzjoni kif trid il-liġi.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ u tenut kont tal-ispejjeż li jkollha tinkorri l-intimata sabiex tesegwixxi x-xogħlijiet li jissuġerixxi l-perit tekniku li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talbiet attriċi u t-tul tal-istess xogholijiet, din il-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni tal-intimata abbażi tal-artikolu 12(2) tal-Kap. 413, u ċioè in vista tan-nuqqas ta' raġonevolezza ta' dak li qiegħed jintalab fiċ-ċirkostanzi tal-każ, hija waħda tajba.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet attriċi.

Minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG